MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-17 ta' April, 2009

Numru 31/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Cilia**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Cilia, bin Joseph u Maria nee Sciberras, imwieled il-Kanada fit-22 ta' Frar 1966, detentur tal-karta ta' l-identita` nru 0219804L, talli f'dawn il-Gzejjer, fis-17 ta' Awissu 2006 u matul il-hames xhur qabel din id-data, gewwa l-Munxar u bnadi ohra f'Ghawdex (**1**) ikkoltiva l-pjanta *cannabis* bi ksur tal-ligi, (**2**) kellu fil-pussess tieghu il-pjanta *cannabis*, kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-ligi, (**3**) kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta *cannabis*, jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, bi ksur tal-ligi, u (**4**) kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) bi ksur tal-ligi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-21 ta' Jannar 2009 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Joseph Cilia hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu sitt (6) xhur prigunerija u multa ta' hames mitt Euro (€500) fuq l-ewwel imputazzjoni, filwaqt li poggietu taht Ordni ta' *Probation* ghal tlett (3) snin fuq ir-rimanenti mputazzjonijiet; dik il-qorti taghtu l-fakolta` li jhallas l-imsemmija multa b'rati mensili u konsekuttivi ta' erbghin euro (€40), bl-ewwel pagament dovut mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2008 [recte: 2009], u f'kaz ta' nuqqas ta' pagament anke wiehed biss il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata ghal kull €11.65; il-qorti ordnat ukoll li l-imsemmi Cilia jhallas l-ispejjez involuti fil-hatra tal-espert nominat Mario Mifsud (fol. 64 *tergo*) fl-ammont ta' €354, u dan fi zmien sitt xhur mid-data ta' dik is-sentenza, u fin-nuqqas dan l-ammont jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi; fl-ahharnett il-Qorti Inferjuri ordnat lir-Registratur jiddistruggi d-droga u li jirredigi *proces-verbal* bil-modalita` u fiz-zmien kif indikat fl-istess sentenza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Cilia, minnu prezentat fis-6 ta' Frar 2009, li permezz tieghu talab ir-riforma tal-imsemmija sentenza kemm ghal dik li hi htija kif ukoll ghal dik li hi l-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lill-abbili difensuri tal-partijiet – l-Avukata Dott. Lara Lanfranco ghall-Avukat Generali u l-Avukat Dott. Arthur Azzopardi ghall-appellant – fl-udjenza tal-5 ta' Marzu 2009; ikkunsidrat:

Wara li l-appellant, permezz ta' nota prezentata fl-udjenza msemmija tal-5 ta' Marzu 2009, ceda u rtira t-tielet aggravju tieghu (dwar il-kundanna biex ihallas l-ispejjez peritali) jibqghu biex jigu kkunsidrati biss l-ewwel, it-tieni u r-raba' aggravju.

Permezz ta' l-ewwel aggravju tieghu l-appellant jikkontendi li galadarba fl-atti, u senjatament a fol. 6 tal-atti, hemm biss l-ordni ta' l-Avukat Generali maghmul taht il-Kap. 31, u ma hemmx l-ordni ghall-proceduri sommarji li jinvoka d-disposizzjonijiet tal-Kap. 101, allura huwa "qatt

ma seta' jinstab hati ta' l-akkuzi numru wiehed, tnejn u tlieta migjuba kontra tieghu." Issa effettivament a fol. 6 tal-atti hemm biss l-ordni ta' l-Avukat Generali (taht il-firma tad-Deputat Avukat Generali) li jghid testwalment hekk: "Bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu Maghha (Kap. 31) nordna illi Joseph Cilia...jitressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi kontra tieghu ghal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza." Ma hemm ebda ordni bil-miktub li jinvoka l-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 fir-rigward tar-reati li jaqghu taht l-imsemmi Kapitolu 101, cioe` l-Ordinanza dwar il-Medici Perikoluzi. Bhala fatt jirrizulta li l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) ipprocediet sommarjament, jigifieri bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u mhux bhala Qorti Istruttorja, fir-rigward <u>kemm tal-akkuzi taht il-Kap. 31 kif ukoll fir-rigward tal-akkuzi taht il-Kap. 101</u>, u matul il-kawza ma kien hemm ebda oggezzjoni li din hekk tipprocedi da parti tal-imputat, illum appellant.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel qorti ghamlet sew li pprocediet hekk, u ma jistax jinghad li minhabba n-nuqqas tad-dokument li jinvoka l-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 allura l-appellant ma kellux jinstab hati tar-reati li jaqghu taht l-imsemmi Kap. 101. Kif inhu risaput, id-disposizzjoni tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101, u d-disposizzjoni identika tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Kap. 31, huma ntiza biex jigi stabbilit mill-bidu tal-proceduri – u dejjem salv il-kontrordni li jista' jsir taht l-Artikoli 31 u 120A(2C) tal-imsemmija Ordinanzi – jekk il-Qorti tal-Magistrati ghandhiex tipprocedi sommarjament bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, jew inkella tghaddi ghall-istruttorja sabiex eventwalment l-imputat jitressaq permezz ta' Att ta' Akkuza formali quddiem il-Qorti Kriminali. L-ordni, ghalhekk, maghmul skond l-Art. 22(2) tal-Kap. 101 u/jew skond l-Art. 120A(2) tal-Kap. 31 <u>b'ebda mod ma jbiddel</u> (billi jzid, inaqqas jew altrimenti jimmodifika) <u>l-imputazzjonijiet li jkunu ngabu mill-Pulizija Ezekuttiva</u>. Galadarba l-imputazzjonijiet baqghu kif migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva, u galadarba il-Qorti tal-Magistrati <u>fl-istess proceduri</u> ma setghetx tipprocedi bhala

Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fir-rigward ta’ xi whud mill-imputazzjonijiet u bhala Qorti Istruttorja fir-rigward ta’ xi ohrajn, dik il-qorti gustament ikkonkludiet li, galadarba kienet qed tigi msejha tipprocedi sommarjament permezz tad-dokument ezibit a fol. 6, dawk il-proceduri sommarji kellhom ikopru l-imputazzjonijiet kollha.

L-appellant, permezz tal-abbili difensur tieghu, ghamel referenza ghas-sentenza ta’ din il-Qorti tat-22 ta’ Dicembru 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Joseph Portelli**, u dan in sostenn tat-tezi tieghu li fil-kaz in dizamina huwa ma setax jinstab hati tal-imputazzjonijiet li jipotizzaw reati taht il-Kap. 101. Il-Qorti tosserva, pero`, li dak il-kaz ta’ **Portelli** <u>kien jirrigwarda stadju</u>, u ezercizzju ta’ diskrezzjoni da parti tal-Avukat Generali, <u>kompletament differenti minn dak involut fil-kaz odjern</u>. F’dak il-kaz ta’ **Portelli** li gara kien li, wara li kien hemm l-ordni, kemm taht il-Kap. 101 kif ukoll taht il-Kap. 31 – ghax kien hemm akkuzi taht iz-zewg ligijiet – biex l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali, u li allura l-Qorti Inferjuri kellha tipprocedi bhala Qorti Istruttorja, l-Avukat Generali hareg kontrordni <u>taht il-Kap. 101 biss</u>. Peress li wara li tkun saret il-kumpilazzjoni, tali kontrordni jekwivali ghan-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju taht l-Artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali – meta allura l-Avukat Generali jindika ghal liema reati l-imputat ikun qed jigi mibghut biex jigi gudikat sommarjament, u jista’ anke jnaqqas mill-imputazzjonijiet originarjament migjuba mill-Pulizija – galadarba li <u>f’dak il-kaz</u> l-Avukat Generali kien illimita ruhhu, permezz ta’ dak il-kontrordni, ghar-reati kontemplati taht il-Kap. 101, din il-Qorti kienet ikkonkludiet, u ma setghetx tikkonkludi mod iehor, li huwa <u>f’dak l-istadju</u> kien qed jirrinunzja ghall-akkuzi taht il-Kap. 31. Il-kaz ta’ **Portelli** mhux talli ma jaghmilx ghat-tezi tal-appellant odjern, izda addirittura jikkonfuta t-tezi tieghu (li hu ma kellux jew ma setax jinstab hati skond l-ewwel tlett imputazzjonijiet), proprju ghax fl-istadju li fih gie prezentat id-dokument a fol. 6 ma jispettax lill-Avukat Generali li jirrinunzja jew inaqqas xi akkuzi.

Ghalhekk dana l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi respint.

It-tieni u t-tielet aggravju jirrigwardaw il-piena, li l-appellant jghid li fic-cirkostanzi kienet wahda "oneruza" u "eccessiva". Dana l-aggravju jirrazenta l-fieragh. L-ewwel qorti, biex wiehed juza espressjoni bl-Ingliz, *went out of its way* biex taghtih piena mill-aktar baxxa li setghet taghtih skond il-ligi, u, fejn kien permess ghaliha skond il-ligi li taghmel hekk, ghamlet ukoll Ordni ta' *Probation*. Mhux kompitu ta' din il-Qorti li taghti pariri, izda ma tistax ma tosservax li spiss qed tiltaqa' ma' kazijiet ta' abbuz ta' droga fejn, fid-dawl tal-provi li jkollha f'idejha l-prosekuzzjoni, wiehed kien jistenna li jkun hemm ammissjoni fi stadju inizjali tal-proceduri. Minflok, ghal xi raguni, l-imputat jibqa' jgebbed, itawwal u jipprokrastina, u meta finalment ikun hemm l-inevitabbli – piena karceraja – joqghod jilmenta mill-piena. F'kazijiet bhal dawn il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali, u din il-Qorti in partikolari, ma jistghux iharsu favorevolment lejn talbiet ghar-riduzzjoni jew varjazzjoni tal-piena li tkun giet erogata. Il-Qorti taghmilha cara li dan qed jinghad mhux fir-rigward tal-kaz li ghandha quddiemha llum, izda b'mod generali. Fir-rigward tal-kaz tal-appellant odjern din il-Qorti tghid biss li kieku ammetta f'xi stadju aktar kmieni, kieku llum diga` skonta s-sitt xhur prigunerija u qieghed jibbenefika bis-shih mill-ghajnuna kollha tad-Dipartiment tas-Servizzi tal-*Probation*. Dawn l-aggravji, ghalhekk, qed jigu wkoll respinti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bis-segwenti modifikazzjonijiet in vista tal-appell interpost: (1) il-periodu ta' tlett snin *probation* jibda jiddekorri mil-lum; (2) il-qorti li ghaliha hemm referenza fir-raba' htiega fl-Ordni ta' *Probation*, cioe` l-qorti li quddiemha l-*probationer* ghandu jidher perjodikament, hija din il-Qorti – il-Qorti tal-Appell Kriminali; (3) l-ewwel pagament tal-multa ghandu jkun effetwat mhux aktar tard mit-Tnejn 30 ta' Novembru 2009; (4) is-sitt xhur ghall-hlas tal-ispejjez peritali jibdew jiddekorru mil-lum; u (5) il-hmistax-il jum ghall-fini tal-prezentata tal-*proces-verbal* da parti tar-Registratur kif indikat fl-ahhar paragrafu tas-sentenza, jibdew jiddekorru mil-lum. Fl-ahharnett il-Qorti tordna li kopja tal-Ordni ta' *Probation* jinghata minnufih lill-appellant, u kopja ohra

ghandha tigi komunikata lid-Direttur tas-Servizzi ta' *Probation*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------